2021

# IL-QARĊILLA

KITBA TA'
ĊIKKU L-POPLU



IL-KITBA TAS-SITT ŻWIEĠ
TA' KRISTINA BISKUTTINA
MA' KOSTANTINU BUGEJA

kif imniżżla
fl-atti tan-Nutar il-Manifka Sylvia Paris

*Maħduma għall-ewwel darba għat-televiżjoni*
*sabiex jiġu evitati mard u mwiet minn pestilenzi varji*
*kif ukoll għax l-għażż issa drajnieh*

**DRAMATIS PERSONAE**

| | |
|---|---|
| In-Narratur | |
| In-Nutar: | Sylvia Paris |
| L-Għarus: | Kostantinu Bugeja |
| L-Għarusa: | Kristina Biskuttina |
| Bint l-għarusa: | Martina Biskuttina |
| Xhud 1 (Il-Furnar): | Bastjan Degiorgio |
| Xhud 2 (It-Tellieq): | Dreysin il-Berqa |
| Xhud 3 (L-Influwenzer): | Rafa (Rafel) Zerafa |
| Xhud 4 (Il-Bodybuilder): | Bobby l-Mewġa |
| Xhud 5 (Il-Kuntrattur): | Brian Borg |

*Ninsabu f'palazz fejn hemm armata mejda għan-Nutar u hemm jistennew l-għarajjes.*

**NARRATUR**

Merħba ħbieb u maskarati
Idħlu, idħlu bla mistħija.
Wieħed, wieħed, żommu mbiegħda
Għax taf intom…pandemija!

Naf li intom żgur ħerqana
Biex tifirħu 'l-maħbubin
Iżda ħudu ftit paċenzja
Din is-sena m'hemmx festin.

Din id-darba ser tassistu
Għal irbit matrimonjali
Mingħajr ikel, żfin, jew bridesmaids
Xejn ħlief firma u rigali.

**NUTAR**

Jekk jogħġobkom, *hurry hurry*
Għax *I've meetings on tourisms*
Irrid nara l-*pre-cow-shins*
U l-*gay-ging machanisms*

**NARRATUR**
Għaliex għandkom tkunu tafu
Li n-Nutar Sylvia Paris
Hi Membru Parlamentari
Rispettata mal-pajjiż.

Hi *board member* ta' fiduċja
Mal-Awtorità tal-Bini
Avukat, perit, sensara
U ambaxxatriċi għax-xarba Kinnie!

Iżda hi ma tħobbx it-titli
Taf tgħid iva u żżomm is-skiet,
Għax hi biss mara simpatka
Bl-ebda pretensjonijiet.

**NUTAR**
Tajjeb ħafna, *let's get moving*,
Għandi l-pinen, għandi l-karti
Ejja għax daqt ikolli nitlaq
Għax war'hawn għandi pool party.

Illum għandi 'l Kostantinu
Mill-familja ta' Bugeja

*Kostantinu jersaq viċin wisq.*

Għax għal ftit ma poġġejtx f'ħogri?
Ħalli żżommli ftit idejja!

*Ikun ħa jobdiha u timbuttah.*

U l-għarusa (*tqalleb fil-karti*)…dan xi żball
Mhux 'Sinjura' 'mma 'Sinjorina'
Aħjar nara sewwa x'jismek:
Int…*(tlaqlaq ftit…dan l-isem familjari wisq!)* Kristina
Biskuttina?

*L-għarusa tagħmel sinjal b'rasha.*

Intom ġejtu hawn quddiemi
Biex tintrabtu bil-wegħdiet.
Kostantinu…l-ewwel darba,
U s-Sinjura…

**MARTINA**
…sitt darbiet.

**NUTAR**
Kull tliet snin terġa' ttejjeġ
Skont kif għandi f'din il-lista
Dejjem b'raġel ġdid maġenbek…

**MARTINA**
Bħall-Partit Nazzjonalista!

**KRISTINA**
Għax ħa ngħidlek Sur Nutara
Jien jaħasra żvinturata
Għax kull darba illi ntejjeġ
Wara ftit inħossni fgata.

Jien m'iniex mara ħażina
Hux tassew fjur ta' figolla?

*Ma tagħtix ċans lil Kostantinu jwieġeb…*

Vera kelli ħamsa qablek
Iżd'int aqwa minnhom kollha!

**KOSTANTINU**
Iva veru, qalb ta' qalbi
U taħsibx li m'iniex grat
Iżda…ħeqq…kif naqbad ngħidlek
Nippreferi…mhux użat…

**KRISTINA**
Dan xi tridni mhux mimsusa?
Mhux aħjar ftit esperjenza?
Dan bħal flixkun inbid tajjeb
Jew pittura…

**MARTINA**
…jew gradenza!

**KRISTINA**
Il-punt tiegħi Sur Nutara
Dan mhux xi kapriċċ legali
Iżda mod sabiex nitħarreġ
U nsir mara ideali

U għalik, ja wiċċ ta' qagħqa
Biex nurik inti kemm tfisser
Għedt lill-ħamsa l-oħra jiġu

**MARTINA**
Biex jgħidulek fejn hu mkisser!

**NUTAR**
Stenna! Stenna! Ieqaf waħda!
Iġġiblix nies oħr'hawn ġewwa!
Dawn la nafhom u 'qas jafuni…

**MARTINA**
Iżda 'l ommi jafuha sewwa!

**NUTAR**
Din it-tfajla x'inhu xogħolha?
Ħa nkeċċiha issa stess!
Mela int ma qrajtx il-liġi
Illi bridesmaids mhux permess?

**KRISTINA**
Le, jaħasra, Sur Nutara,
Kollox qrajt, kif għedtli inti
Dik il-ġuvna wiċċ ta' qamar
Dik hi biss l-għażiża binti!

Tħabbilx rasek Sur Nutara
Għax mar-regoli mxejt,
U l-għeżież maħbuba żwieġi
Dlikthom sewwa qabel ġejt.

**NUTAR**
Kollox sewwa, nipproċedu
L-aqwa li ma tersqux ħdejja
Tistgħu tiġu wieħed, wieħed
Basta jaqblu x-xerrejja!

**KOSTANTINU**
Naħseb ħadt xi żball, Nutara,
Dan hu tieġ u mhux xi bejgħ…

**KRISTINA**
Hekk, għidilha, Konzu tiegħi
Ma nixbax inħares lejh! (*Tgħidha lejn il-kamera)*

**NUTAR**
U jaħasra Biskuttina
Tieġ, jew bejgħ, jew xi testment
Dawn għalija firem, numri!

**MARTINA**
Fil-każ t'ommi, investiment!

**NUTAR**
Mela isa, aħjar inħaffu!
Mhux suppost iktar minn tnejn
Ejja ħalli nlestu kollox
Ma tmurx tiġi l-Profs Charmaine!

*Jersaq Bastjan Degiorgio, furnar u l-ewwel raġel.*

**NARRATUR**
Dik is-sura dqiq u ħmira
Qisha ħuta fil-panura
Dan mhux ħlief Bastjan Degiorgio
L-ewwel raġel tas-Sinjura!

Kienet ratu jagħġen ftira
U għoġobha ħobżu sħun
Iżda qalbha iżjed ferħet
Meta ratlu l-bezzun.

**KRISTINA**
Ieqfu, ieqfu, isktu waħda
Qed tisimgħu? X'inhu dan?
Ħadd mhu qiegħed jisma' bħali?
Leħen raġel ġol-ħitan?

*Ħadd ma jemminha, u jkomplu…kulħadd irid jitlaq 'l hemm.*

**BASTJAN**
O galletta! O panina!
Ratba u tonda qisek ħbejża!
Int il-ħmira għal dan ġismi
Ejja u tini naqra ż….

**TUTTI**
OOJJ!!! OOJJ!!! OOJJJ!!!!!

**BASTJAN**
…żegħil! Żegħil jaħasra!

**TUTTI**
EEEEEE…

**BASTJAN**
Xtaqt nagħtik rigal minn qalbi
U xi ħaġa li żgur tħobb
L-ikbar ħobża li qatt saret
Twila w tqarmeċ qisha ż….

**TUTTI**
OOJJ!!! OOJJ!!! OOJJJ!!!!!

**BASTJAN**
…Żafżafa! X'fiha ħażin?

**TUTTI**
EEEEEE…

**MARTINA**
Imma stenn'…żafżafa ma tirrimax ma' tħobb!
Le jien naħseb kien ħa jgħid Ż….

**TUTTI**
Xxxx iskot

**KRISTINA**
Ajma dan Bastjan ta' qalbi
Xorta ġabli biċċa kejk
Int minn dejjem kont taf tagħġen
X'gost jagħtuni dawk idejk!

*Martina tkun ħa tikkoreġiha li ħobża mhux kejk imma ommha twaqqafha. Sadanittant jidħol Dreysin il-Berqa.*

**NARRATUR**
Iżda ż-żwieġ malajr sfaxxalha
Ċumm plaqq plumm, f'leħħa ta' berqa
Meta ltaqgħet mat-tellieq
Il-magħruf Dreysin il-Berqa!

Dawk l-għajnejn lesti għar-rebħa
Moħħu biss sabiex jattakka
U Kristina Biskuttina
Dlonk dawritu tnejn mat-trakka!

*Ir-rigal ta' Dreysin jikkonsisti fi tliet tajers.*

**NUTAR**
Dan xi l-mniefaħ ġibtli?
Ħa timlieli kulm'hemm ħmieġ!
Din ħmerija! Porkerija!

**MARTINA**
Mela tmur ma' dan it-tieġ!

**DREYSIN**
Ma tantx kelli ċans nixtrilek
Għax it-tlielaq jieħdu l-ħin
Iżda biex nurik li nħobbok
Hawn tliet tajers maħruqin

L-ewwel wieħed kont ħassartu
Meta rbaħt l-ewwel tiġrija
Dan ta' meta ħbatt ġo siġra
Għaliex kont għaddej bil-mija.

U dat-tajer l-aqwa wieħed
Għax kien meta lilek rajt
Kont żammejtu biex niftakar…

**MARTINA**
Illi int għal ġol-ħajt!

**KRISTINA**
Kemm hu ħelu Dreysin tiegħi
Kemm hu bravu u ta' gazz!
Mhux ta' b'xejn kien sar iħobbni

**MARTINA**
Għax iġemma' l-imbarazz!

**NARRATUR**
Kwart ta' mil u mil ta' kwarta
Escort, shuzzy, rimmijiet
Fuq hekk biss kien jaf jitħaddet
U Kristina malajr għejiet.

*Kristina terġa' twaqqaf kollox.*

**KRISTINA**
Le ta ħi, m'iniex miġnuna
Iktar intom, kulħadd rieqed!
Żgur li hawn raġel mistoħbi

**MARTINA**
X'waħda din! Ħarablek wieħed!

**KOSTANTINU**
Tinkwetax perlina tiegħi
Issa daqt immorru 'l hemm
Għandi daqsxejn ta' sorpriża:
Weekend break Ġerusalemm!

Għandi sieħbi avukat
Tgħidx kemm ra 'ffarjiet ġodda
Qalli mar weekend irtir
Għamel tlett ijiem fis-sodda!

*Issa jidħol Rafa Zerafa u miegħu idaħħlu inkwatru kbir mgħotti.*

**NARRATUR**
'Mma Kristina riedet raġel
Li jifhimha, illi jafha
U lil Dreysin iddivurzjatu
Għall-influwenzer Rafa Zerafa.

Dan Rafel (għax hekk kien jismu)
Ma kellux talent speċjali
Ħlief li jtella' r-ritratti
Fuq xi ftit midja soċjali.

Ħadd ma jaf eżatti x'jagħmel
Jew fejn studja, jew mnejn ġej.
Daqqa jagħti ïl-pariri
Daqqa jbigħ it-take away

**RAFA**
Ara Kristy, kif int sbejħa?
Jiena dejjem *pleased to meet you!*

**NUTAR**
Sur Zerafa iżen kliemek
Li ma tmurx tagħti fastidju!

**RAFA**
Tinkwetax, jien kulħadd jafni
Jien mudell, content curator…

**NUTAR**
Jiġifieri…influwenzer?

**RAFA**
Nippreferi digital creator.

Hemm min jgħid biex tkun artist
Għandek bżonn ħafna talent
Iżda jien sirt artist kbir
B'naqra mowbajl u aċċent.

*Jikxef il-kwadru li, minkejja li enormi, fih ritratt ċkejken ta' Rafel tant żgħir li kulħadd irid jersaq viċin biex jarah.*

Dan il-kwadr'għalik għamiltu
Varjopint u kulurit.
*To be honest* mhux jien waħdi
Għax il-mummy għenitni ftit.

**KRISTINA**
Daqsiex fih…u ma fih xejn
Ħsibtu ikbar meta rajtu
Ħsibtu jagħti iktar gost…

**MARTINA**
Mhux ta' b'xejn iddivurzjajtu!

*Jidħol Bobby il-Mewġa liebes ta' bodybuilder.*

**NARRATUR**
Għax miskina din Kristina
Riedet aqwa bħala żewġha
Għalhekk sabet bodybuilder
Il-magħruf Bobby il-Mewġa!

Meta ratu hemm jippoża
Mibni qisu O-D-Z
Hi fetħitlu qalbha beraħ
Daqs il-port ta' Marsamxett.

*Kristina għadha qed tipprova tifhem mnejn ġej il-leħen.*

**KRISTINA**
U mhux talli qiegħed moħbi
Talli anke jinsultani
Għalkemm vera l-ħsieb ta' Bobby
Idewwibni u jeċitani.

**BOBBY**
Dan il-ġisem li tammira
Sod u iebes jien żammejt
Ħafna shakes u proteini
Laħam, bajd, u tonn taż-żejt!

Lejl u nhar dejjem nittrenja
Immur gym darbtejn kuljum…

**KRISTINA**
Issa ftakart għal xiex tlaqtu

**MARTINA**
U għal darb'għandek raġun!

*Il-Bobby jibqa' għaddej qisu mhux hu.*

**BOBBY**
Ara ftit il-pettorali
Ifli dahri sew b'għajnejk
Ara naqra dawn il-glutei
Iżd'għalissa tmissx b'idejk!

Għax għalissa sabiex tmissni
Għandek ħafna proċeduri
Aħsel idek, ilbes maskra
Inża' kollox…

**MARTINA**
…fittixhuli!

**BOBBY**
Biex tiffranka dal-ġenn kollu
U jkollok aċċess għalija
Jien ħa ntik dawn il-kupuni
Biex tkabbarli….l-ekonomija.

*Kristina tkun ħa titkellem iżda Bobby ikompli.*

**BOBBY**
Prosit Bob, kont eċċellenti
X'naqra ta' rigali tajtha!
Kemm kont ċar u realistiku…

*Kulħadd iħares lejh…*

Jaqaw mhux jiena kelli ngħidha?

*…kulħadd sieket.*

*Jinstema' ħoss ta' karozza fil-bogħod u jidħol Brian Borg.*

**NARRATUR**
Iżda l-mewġ malajr ibatti
U jmajna, isir ċafċif
Għalhekk reġgħet tatu s-sensja
Hekk jew b'hekk, issa drat kif.

Iżda ma tantx damet single
Hekk kif ratu ġej bil-Porsche
Kemm tferfir kif ratu riesaq
L-estate agent Brian Borg.

**KRISTINA**
Ara Bri, *my concrete angel*
Għadek sod daqs is-siment

**KOSTANTINU**
Jien hawn qiegħed, passolina…

**KRISTINA**
Ħsibt li nsejt l-appuntament!

**BRIAN**
Ma tarax tarmak ta' qalbi
Ta' kull torri int reġina
Kif qatt nista' ninsa l-jum
Meta ftaħtlek dik il-mina?

Fejn qatt kelli blokka bħalek?
Inti tibqa' n-*number one!*
Inti taf, fjur ta' flyover,
Illi jien *I get things done*.

*Hawnhekk jidher Brian jurihom l-appartament modern, i.e. ċella tal-Palazz tal-Inkwiżitur.*

Sabiex tgawdu u tkunu komdi
Għandkom dan il-flett modern
Fuq il-fil, tradizzjonali,
U fuq kollox open plan.

Ħa ntihulkom prezz speċjali
Mitejn elf, *taxes and all.*
U dak l-aħdar mal-ħitan
Dak mhux moffa, dak green wall!

**KOSTANTINU**
Grazzi ħafna, vera grazzi
U taħsibx li jien ingrat
Iżda jiena għandi dari
Razzett ħelu lejn Ħ'Attard.

**BRIAN**
Inti KELLEK razzett ħelu
Iżda iss'għamilnieh triq
Tinkwetax, kien ġa qed jaqa'!
Issa għandek li tixtieq.

**KRISTINA**
Ara naqra Brian tiegħi
Kemm għandu qalbu ħanina
Sab iċ-ċans itina flett
U anke ta ċekk għall-Istrina!

*Kulħadd iċapċaplu.*

**KOSTANTINU**
Imma qalbi, dik hi darna
Kollha siġar, frott u fjuri!

**KRISTINA**
’Qas li m’hawnx frott minn fejn tixtri!
Flok tiżirgħu, ixtrihuli!

**NUTAR**
Tajjeb ħafna, tajjeb ħafna
Għandi l-firem, kollox lest!
Baqa’ biss xi ħaġa żgħira
Ħsieb mingħandi, daqsxejn ġest.

F’dawn iż-żminijiet imwiegħra
Hemm bżonn nagħtu dal-messaġġ
Għalhekk għandkom roly-poly
Biex intikom ftit kuraġġ!

U għal min ma jridx jitqawwa
Jew hu bħali, *fit and skinny*
Għandna wkoll xi ħaġ’għalikom
Għandna kaxxa Diet Kinnie!

*Sakemm jagħlaq in-narratur, qed iqassmu daqsxejn ta’ Kinnie u jifirħu flimkien*

**NUTAR**
Issa ersaq Kostantinu,
Agħtu ċ-ċrieket lil xulxin
U quddiem dil-folla…ħelwa
Tkunu issa miżżewġin.

**KOSTANTINU**
Wiċċ ta’ torta u prinjolata
Kannol mimli b’ħafna krema
X’hena ksibt f’din il-ġurnata
Bik jien negħleb kull problema!

**KRISTINA**
Pastafrolla kollok zokkor
Bezzun krema l-aktar bnin
Int u jien, flimkien għal dejjem

**MARTINA**
'Dejjem' tfisser erba' snin…

**NARRATUR**
U ekku għeżież mistiedna
Kemm nixtieq li kontu ħdejja
Għas-sitt żwieġ ta' Biskuttina
U s-Sur Kostantin Bugeja.

**KRISTINA**
Stenna stenna, waqqfu kollox
Għax jien mara rispettabbli!
Naħlef li hawn raġel ieħor!
L-ebda raġel ma jaħrabli.

Ibdew fittxu ġo kull kamra
Qis li dduru kollox sewwa
Għax qabel jiena ma nsibu
Mhux ser noħroġ minn hawn ġewwa!

**NARRATUR**
Daru sewwa ma' kull kamra
Ġo kull kaxxa u senduq
Fetħu u għarrxu f'kull armarju
Fittxew isfel, fittxew fuq.

U jaħasra x'biċċa ġralha
Ara vera hi miskina
Ħadd ma seta' jsib lir-raġel
Illi semgħet Biskuttina

Lanqas ħaqq xtraw ix-xampanja
Lanqas ħaqq kemm xtrat bizzilla
Għax f'dal-ġenn u konfużjoni
Ser intemmu dil-qarċilla!

Nittamaw illi għoġbitkom
Dil-ftit bluha u frattarija
Nafu li mhix opra tal-arti
M'għandha l-ebda f'losofija.

Għaliex aħna mhux gradwati,
Jew esperti teatrali.
Nafu sew x'jaħsbu fuq xogħolna
Dawn il-psewdointellettwali.

Ma ngħannux xi vrus imżewqa
Ma nnixxux l-għasel minn fommna,
Iżda l-ftit li aħna ntennu
Tal-inqas ma joħroġx minn s….

*Tidħol minn warajh u taħsdu.*

**KRISTINA**
Sibtu! Sibtu! Seww'għedtilkom
Dan hu r-raġel ta' ġol-ħajt!
Kulħadd qalli li miġnuna
Iżda jiena sewwa smajt!

U jaħasra kemm hu ħelu!
Dan għalfejn qfiltuh hawn ġew?
Int orrajt ħanini tiegħi?
Tawk xi ħaġa? Kollox sew?

*Jidħol kulħadd.*

**KOSTANTINU**
Biskuttina! X'qatgħa tajtni
Ħassejt rasi qed iddur!
Ħsibtni tliftek ġo xi ħofra!

**MARTINA**
U tibżax, titlifha żgur!

**NUTAR**
Le jaħasra Kostantinu
Serraħ rasek tinkwetax
Qabel erba' snin ma jgħaddu
Tiddivorzja ma tistax.

Għalkemm iss'aħna moderni
Tista' tagħmel dak li trid.
Żwieġ, divorzji, relazzjoni,
Issa kollox skont l-aptit.

Jumejn oħra ċ-ċerimonji
Kollha jsiru minn fuq Zoom
Il-festin isir fuq TikTok
Ir-rigali minn fuq Joom.

B'naqra xorti, daqt tkun tista'
Tniżżel app sabiex ittejjeġ
U la taħli ħin tinnamra
U la flus f'rigali u ħwejjeġ.

**KRISTINA**
Ma tarax ja Konzu tiegħi
Jien u int għamilna patt
Id-destin lilna laqqagħna
Warajk żgur ma rrid lil ħadd!

U x'ngħidilkom għeżież tiegħi
F'dan il-jum tassew mill-oħla?
Nixtiqilkom ġid u hena
U narakom erba' snin oħra!

* * * **TMIEM** * * *

**KITBA**
Ċikku l-Poplu

**PRODUZZJONI U DIREZZJONI ARTISTIKA**
Joseph Galea

**ATTURI**

| | |
|---|---|
| In-Narratur | Patrick Tanti |
| In-Nutar Sylvia Paris | Rachel Micallef |
| L-Għarus Kostantinu Bugeja | Matthew Balzan |
| L-Għarusa Kristina Biskuttina | Stephanie Sacco |
| Bint l-għarusa Martina Biskuttina | Maria Galea Farrugia |
| Il-Furnar Bastjan Degiorgio | Nathaniel Galea |
| It-Tellieq Dreysin il-Berqa | Karl Schembri |
| L-Influwenzer Rafa (Rafel) Zerafa | Fabio Mifsud |
| Il-Bodybuilder Bobby l-Mewġa | Ryan Galea |
| Il-Kuntrattur Brian Borg | Sandro Vella |

**ASSISTENTA TAL-PRODUZZJONI**
Svetlana Camilleri

**KOSTUMI**
Louie Noir
Marika Zarb

**PROPS**
Michael Carol Bartolo

**TIM TEKNIKU**
Luke Cassar
Nigel Fleri Soler
Julian Caruana

**KORDINATRIĊI**
Alice Azzopardi

**ĦAJR**
Dr Olvin Vella
Il-Kuratur u l-ħaddiema
tal-Palazz tal-Inkwiżitur
PBS
Thomas Pace
Trevor Żahra

Heritage Malta
TWIST MEDIA & ENTERTAINMENT
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
HORIZONS
FESTIVALS MALTA